

IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA

Nru 388/06/COL

tat-13 ta' Diċembru 2006

li temenda għall-wieħed u sittin darba r-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajjnuna mill-Istat

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, partikolarment l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5 (2) (b) tiegħu u l-Artikolu 1 fil-Parti I tal-Protokoll 3 tiegħu,

BILLI skond l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha għib fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE li jirrigwarda l-Għajjnuna mill-Istat,

BILLI skond l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA se toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jipprovdi hekk espressivament jew jekk l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tqis li hu meħtieġ,

FILWAQT LI TFAKKAR ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajjnuna mill-Istat ⁽³⁾ adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA ⁽⁴⁾,

BILLI l-Kummissjoni Ewropea fit-22 ta' Novembru 2006 adottat Qafas Komunitarju ġdid għall-Għajjnuna mill-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni li mistenni jkun ippubblikat fil-verżjoni uffiċjali tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fl-aħħar ta' Diċembru 2006,

BILLI dan il-Qafas ġdid huwa wkoll ta' rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI applikazzjoni uniformi tar-regoli ta' Għajjnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tkun żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

⁽¹⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE".

⁽²⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti".

⁽³⁾ Minn hawn 'il quddiem "Il-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat".

⁽⁴⁾ Inizjalment ippubblikat fil-ĠU L 231,3.9.1994, fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu Nru 32 fl-istess data, l-aħħar emenda adottata permezz tad-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2006.

BILLI, skond il-punt II taħt l-intestatura "ĠENERALI" fi tmiem l-Anness XV għall-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti li jikkorrispondu għal dawk adottati mill-Kummissjoni Ewropea,

BILLI ladarba tkun lesta l-verżjoni uffiċjali finali tal-Qafas Komunitarju ġdid għall-Għajnuna mill-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tkun f'pożizzjoni li tadotta linji gwidi korrispondenti,

BILLI l-Kapitolu 14 preżenti se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006,

BILLI għaldaqstant, hemm il-hteġa li jiġi estiż il-kapitolu 14 eżistenti sakemm l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tadotta linji gwida korrispondenti għall-Qafas Komunitarju ġdid għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni,

WARA li kkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea,

FILWAQT LI TFAKKAR li l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA kkonsultat lill-Istati ta' l-EFTA b'ittra datata t-13 ta' Novembru 2006 dwar is-suġġett,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

- (1) Il-validità ta' Kapitolu 14 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp hu estiż sakemm l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tkun adottat linji gwida ġodda li jikkorrispondu mal-Qafas Komunitarju ġdid għall-Għajnuna mill-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni. Il-paragrafu (2) ta' qabel ta' Taqsima 14.9 ta' Kapitolu 14 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat ġie sostitwit b'paragrafu (2) ġdid li se jkun jaqra kif ġej:

"Dawn il-linji gwida għandhom japplikaw sakemm jiġu adottati linji gwida ġodda mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA li jikkorrispondu mal-Qafas Komunitarju ġdid għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea fit-22 ta' Novembru 2006".

- (2) L-Istati ta' l-EFTA għandhom ikunu infurmati permezz ta' ittra, flimkien ma' kopja ta' din id-Deċiżjoni.
- (3) L-Istati ta' l-EFTA se jiġu mgħarrfa permezz ta' ittra, flimkien ma' kopja ta' din id-Deċiżjoni.
- (4) Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2006.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA

Bjørn T. GRYDELAND
President

Kristján A. STEFÁNSSON
Membru tal-Kulleġġ